



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Frar 2023
(OR. en)

6044/23

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0262(NLE)

AVIATION 15
RELEX 141
USA 7
N 5
ISL 6

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 48 final
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 48 final.

Mehmuż: COM(2023) 48 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2023
COM(2023) 48 final

2019/0262 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fl-14 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu, tal-Att tal-Adeżjoni, li tawtorizza l-iffirmar ta' protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-partijiet għall-Ftehim Anċillari, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea¹.

It-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Diċembru 2020 kien jeħtieġ li jsiru emendi għall-protokoll sabiex jitneħħew minnu r-referenzi għar-Renju Unit. Il-Kummissjoni għalhekk innegozjat mal-Iżlanda u n-Norveġja l-emendi meħtieġa għal dak l-għan. Id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet qablu dwar l-emendi.

Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni tal-Kunsill proposta sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-attribuzzjoni tas-setgħat fost l-istituzzjonijiet skont it-Trattati, u b'mod partikolari l-prerogattiva tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta lill-Unjoni esternament.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta emendata għad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar tal-protokoll.

¹ [COM/2019/589 final.](#)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-ađeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Ađeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-ađeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 13351/12 tal-14 ta' Settembru 2012 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negożjati.
- (2) In-negożjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Protokoll fit-8 ta' Marzu 2019.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat b'mod proviżorju mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu, soġġett għall-konklużjoni tiegħu iktar 'il quddiem.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni

parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmit fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll"), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, għall-persuna jew persuni indikati mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President